MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 144/2009

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

A. **DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi il-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar il-Erbgha ta’ April 2004 fil-knisja ta’ St Patrick, Sliema kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala (Dok A) u miz-zwieg taghhom kellhom tifla E, illum ghandha erba’ snin;

2. Illi fl-erbgha ta’ Awissu 2008 il-partijiet infirdu minn xulxin skond il-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala (Dok B);
3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vvizjat b’difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
4. Illi ukoll il-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat minhabba eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg;
5. Illi inoltre il-kunsens tal-attur kien inkiseb b’qerq dwar xi kwalita tal-intimtata li tista` mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;
6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u minghajr effett u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B. **RAGUNI GHAT-TALBIET F’DAWN IL-PROCEDURI**

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata u deciza minn dina il-Qorti li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u minghajr effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati u rikonoxxuti fil-Ligi ;

C. **TALBIET ATTRICI**

Talab in vista ta’ dak kollu fuq premess, li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fil-knisja ta’ St Patrick, Sliema fl-erbgha ta’ April 2004 huwa null u minghajr effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skond l-artikolu 19 (1) (c), (d) u (f);
2. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra s-Sentenza ta’ dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata, ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi ma jezistux l-estremi legali biex iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi mahlul jew dikjarat null fit-termini tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pretenzjoni li l-konvenuta agixxiet b'mod qarrieqi hija abbuziva u malafamanti ghax kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza kienet mara li qaghdet u qdiet l-obbligi taggha matrimonjali fl-intier taghhom. Iz-zewg partijiet kellhom diskrezzjoni necessarja u ma kienet tezisti ebda anomalija psikologika u hadd mill-partijiet ma eskluda posittivament iz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi tieghu. Iz-zwieg ta' bejniethom huwa wiehed validu. Kull ma jrid l-attur hu li jipprova jehles mill-obbligi tieghu, naxxenti mill-kuntratt ta' zwieg tieghu sabiex jakkwista l-liberta' jizzewweg mill-gdid lill-konkubina tieghu li mhux mizzewga;
2. Illi dato ma non concesso li hemm lok li z-zwieg jista jigi dikjarat null, zgur mhux minhabba tortijiet tal-konvenuta u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat l-4 ta' April 2004 jigi dikjarat null u bla effett

fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Min-naha taghha l-intimata ssostni li ma jezistux l-estremi legali biex iz-zwieg ta' bejni il-partijiet jigi dikjarat null fit-termini tal-ligi u tghid li r-raguni ghala l-attur qed jikkontendi li z-zwieg huwa null huwa biss sabiex ikun jista' jizzewweg lill-konkubina tieghu. *Dato ma non concesso* l-intimata tghid ukoll li f'kaz li hemm lok li dan iz-zwieg jigi dikjarat null, dan m'ghandux ikun ghal ragunijiet li huma attribwibbli lilha.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

L-attur jghid li ltaqa' mal-intimata waqt li kien ikun xoghol f'lukanda gewwa hawn Malta u mill-ewwel kien ha grazzja maghha. Jghid li tant kien mignun warajha li biex zgur tohrog mieghu la qallha kemm kellu eta' fil-verita' (hu kellu dsatax-il sena filwaqt li hi kellha tmienja u ghoxrin sena) u lanqas qallha li kellu tfajla li kien ilu maghha erba' snin. Kien biss wara xi xahar li kienu qed johorgu flimkien li qalilha bil-verita' dwar l-eta' tieghu u dwar it-tfajla li kellu (u li issa kien telaqha). Jghid li r-relazzjoni mal-intimata mill-ewwel kienet differenti minn dik li kellu qabel ghaliex filwaqt li r-relazzjoni precedenti kienet wahda li huwa jiddiskrivi bhala 'tat-tfal', din ir-relazzjoni kienet wahda aktar passjonali u fizika, tant li wara erba' xhur, il-partijiet marru jghixu flimkien peress li l-intimata kienet diga' toqghod wahedha.

Jiddiskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda turbolenti hafna fejn l-emozzjonijiet kienu jigu ferm qabel ir-raguni. Kienu jiehdu gost jiddevertu, johorgu jieklu u jixorbu flimkien u jghid ukoll li meta ma kienux qed ikunu intimi flimkien, kienu jkunu qed jiggieldu specjalment fuq affarijiet zghar u mhux ta' importanza. Tant kienu jiggieldu li sahansitra kien ihalli l-bagalja wara l-bieb ghaliex l-intimata kienet dejjem tkeccih 'il barra mid-dar. Kien telaq mid-dar taghha xi erba' darbiet imma kien dejjem jispicca jmur lura u l-passjoni kienet tirbah fuq ir-raguni. Jghid ukoll li r-relazzjoni taghhom kienet wahda 'open' fis-sens li

kienu anke johorgu ma’ nies ohrajn izda b’xi mod dejjem kienu jergghu jinghaqdu intimament flimkien.

Jghid li d-decizjoni li jizzewwigha kienet frott ta’ *placement* gewwa l-Irlanda meta beda jiffissa li kien ser jitlifha. Fil-fatt, minn fuq it-telephone wieghda li kif jasal lura Malta, kien ser jizzewwigha. Hekk sar, ghaliex hekk kif gie lura Malta, staqsa dwar *crash course* ta’ Kana u zzewgu f’April 2004. Ghaxart ijiem wara z-zwieg, il-partijiet skoprew li l-intimata kienet tqila bit-tifla li twieldet fis-7 ta’ Dicmebru 2004. Fil-hajja mizzewga, l-glied bejniethom ma naqasx u kien f’dan iz-zmien ukoll li skopra li l-intimata kienet blacklisted mal-bank minhabba xi kontijiet fuq credit cards li ma kienitx hallset matul iz-zmien. Konsegwenza ta’ dan, biex jiehdu loan sabiex jippreparaw id-dar ghat-tarbija, l-intimat kellu jbiegh il-karozza u jiehu l-loan f’ismu biss. Kien hemm problemi finanzjarji ohra izda minkejja dan kollu, l-intimata riedet tibqa’ tghix hajja ta’ nfieq u ta’ *restaurants* il-hin kollu u dan kien kagun ta’ glied bejniethom.

Wara t-twelid tat-tarbija s-sitwazzjoni ta’ bejniethom baqghet sejra ghall-aghar ghaliex l-intimata bdiet ma thallihx jorqod hdejha biex traqqad lit-tarbija. Bdiet tghid ukoll li kien qed jonhor. Gieli kienet anke ssakkar il-bieb tal-kamra tas-sodda biex ma jidholx hdejhom u ghalhekk kien jispicca jorqod fuq is-sufan. Il-passjoni ta’ bejniethom spiccat u baqa’ biss il-glied. Il-glied esklala b’tali mod li l-intimata kienet cemplet lill-pulizija u qaltilhom li kien sawwatha meta dan ma kienx minnu u kienet allegat ukoll li l-attur kellu relazzjoni ma’ certu Elaine, izda din kienet biss kollega fuq ix-xoghol. Fi ftit kliem beda jhoss li l-intimata bdiet taghmel minn kollox biex iggieghlu jitlaq mid-dar ghaliex bdiet tipprovokah u beza’ li ser iggibu fl-ghali jekk jibqa’ hemm.

L-attur jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li meta jhares lura lejn ir-relazzjoni taghhom, jirrealizza kemm kienu immaturi u kemm kienu jghixu illuzjoni kif ukoll li meta zzewgu, qatt ma ghexu zwieg.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-4 ta' April 2004 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-Qorti, taghmel referenza ghall-affidavit ta' Joseph Grech[1] li jigi missier l-attur. Jghid li meta ibnu beda johrog mal-intimata hu u martu kienu inkwetati fuqu ghaliex binhom kien iggennen fuqha b'mod impressjonanti. Telaq lit-tfajla li kellu li kienet tamparu u fi ftit xhur mar jghix maghha. Ix-xhud jikkonferma wkoll li hekk kif ibnu gie lura mill-*placement* gewwa l-Irlanda, ddecieda li jrid jizzewweg lill-intimata. Ix-xhud jghid li din l-ahbar kienet ta' hasda ghalih ghaliex hass li kienet affrettata u li ha decizjoni f'daqqa pero' z-zwieg sar hekk kif gie lura minn barra. Jghid ukoll li wara t-twelid tat-tifla, beda jinnota li kien hemm il-problemi u minkejja l-fatt li l-attur ma kienx ikun irid jinkwetah, ix-xhud kien jinduna li hemm il-problemi ghaliex l-intimata kienet issakkru barra mid-dar bil-konsegwenza li l-attur kien imur jorqod ghand il-genituri tieghu. Jghid li ghalkemm prova jirranga s-sitwazzjoni minhabba t-tifla, ma setghux jghixu flimkien. Jaghlaq billi jghid li jemmen li l-partijiet izzewgu meta kienu mmaturi wisq biex jghixu z-zwieg tant li kienu jiggieldu ghal kull haga ta' xejn u minflok isolvu l-problemi, ikabbruhom.

Issir referenza wkoll ghax-xhieda ta' Matthew Grech[2] li jigi hu l-attur li jikkonferma li huh kien tant mitluf wara l-intimata li telaq lit-tfajla li kellu ghaliha, minkejja li kien hemm differenza ta' disa' snin bejniethom. Minn guvni li bil-kemm johrog hlief ghax-xoghol, l-attur spicca biex daq id-dinja mal-intimata u fi ftit xhur li kien maghha, spicca telaq mid-dar biex mar jghix maghha. Ix-xhud jghid li prova jwissih fuq il-fatt li donnu kien ghama fuqha izda kien kollu ta' xejn.

ix-xhud jghid ukoll li huh talbu sabiex jixtri l-karozza u l-garaxx li kellu peress li kellu bzonn il-flus minhabba t-tarbija li kienet gejja fid-dinja u kien l-istess huh ukoll li mar jghinu fid-dar tal-intimata sabiex l-appartament ikun

[1] Esebit a fol 56 tal-process
[2] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 59 tal-process

lest irrangat, imkahhal u mbajjad mal-wasla tat-tarbija. Wara t-twelid tat-tarbija, x-xhud jghid li beda jara lill-attur imdejjaq u nkwetat u darba fost l-ohrajn qallu li hu u l-intimata kienu jiggieldu hafna u ghal kull haga ta' xejn kienet tghidlu biex jitlaq 'il barra. Jghid ukoll li huh qallu li kien jispicca jorqod fuq is-sufan ghaliex kienet issakkarlu l-kamra tas-sodda u kien qallu wkoll li l-intimata m'ghandhiex kontroll fuq il-finanzi ghax tonfoq bl-addocc u minghajr hsieb.

Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li z-zewg partijiet kienu mmaturi ghaliex dejjem agixxew ta' tfal.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li ntavolat ir-risposta guramentata taghha, l-intimata baqghet qatt ma prezentat l-affidavit taghha u ma resqet ebda prova fil-mori tal-kawza odjerna.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga. F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attur ma jsemmi ebda element li jista' b'xi mod iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-intimata qarrqet bih (fit-termini tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq). Lanqas jaghmel accenn ghal xi forma ta' qerq li seta' gie kommess jew ghal xi element li kien antecedenti ghaz-zwieg imma li kien mistur lilu mill-istess intimata. Fid-dawl ta' nuqqas ta' prova dwar xi element ta' qerq, il-Qorti thoss li m'ghandhiex tkompli telabora fuq dan l-Artikolu ghaliex l-elementi necessarji u msemmija aktar 'il fuq zgur li ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid***

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”.

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[4] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-attur haseb biss f’mod ta’ kif jista’ jzomm lill-intimata u ma jitlifhiex u xejn aktar. Jirrizulta car mill-atti li d-decizjoni ghaz-zwieg ittiehdet biss wara li l-attur mar *placement* gewwa l-Irlanda u minhabba l-hsibijiet tieghu dwar l-intimata, fejn u ma min qed tkun, iddecieda li jizzewwigha biex ma jitlifhiex. Il-fatt li l-attur ra z-zwieg bhala mezz kif jorbot lill-intimata mieghu (bil-ghan li ma jitlifhiex) juri kemm din kienet decizjoni affrettata u bbazata fuq ragunijiet hziena li juru sens ta’ immaturita’. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li l-attur

[4] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

jikkontendi li bejn il-partijiet kien hemm intensita’ ta’ glied u argumenti u ta’ passjoni fl-istess hin li jidher li kien element importanti li wassal lill-attur sabiex jizzewweg ghaliex ma riedx jitlef lill-intimata. Iz-zwieg tant sar ta’ malajr li sahansitra anke l-kors ta’ Kana sar ta’ malajr bhal li kieku l-attur kellu xi haga tigri warajh. Dan l-agir affrettat u ta’ minghajr ebda forma ta’ hsieb profond, juri kemm l-istess attur kien immatur meta pprona z-zwieg u kemm l-intimata stess ukoll (minkejja li kienet akbar mill-attur) kienet immatura biex accettat li jsir zwieg b’tant ghaggla minghajr hsieb ta’ xejn.

Illi Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[5] fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Din il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi migbura l-attur ma jsemmi ebda element li permezz tieghu din il-Qorti tista’ tkun inklinata li tilqa’ din it-talba. L-attur ma jsemmi ebda element taz-zwieg (jew iz-zwieg innifsu) li seta’ jigi simulat. Zgur li ma giex eskluz l-obbligu konjugali ghaliex jidher li l-att taz-zwieg kien l-element ta’ ghaqda bejn il-partijiet u zgur li l-partijiet ma eskludewx lanqas il-prolazzjoni tal-ulied stante li ftit tax-xhur wara z-zwieg twieldet il-minuri.

[5] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Din il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[6] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher li m'hemmx provi bizzejjed biex jinghad li kien hemm xi simulazzjoni da parti ta' xi wahda jew wiehed mill-partijiet. Fin-nuqqas ta' tali prova, allura il-Qorti ma tista' taghmel xejn aktar hlief li tichad l-applikabbilita' ta' dan l-Artikolu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att taz-Zwieg (Kap. 255).

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell